KUNSILL REĠJONALI LVANT

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 32

L-EWWEL LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 32

It-Tnejn 13 ta' Mejju, 2024

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:56 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is -Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Dott. Dorian Sciberras –Sindku Iklin
Is-Sa Maryanne Abela – Viċi Sindku Swieqi
Dott. Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta'
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara (onlajn)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Dott. Dean Hili – Sindku Pembroke
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija

ASSENTI

Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 32.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

32.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku ta' Pembroke, Dott. Dean Hili, is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, is-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, sabiex jinfurmawna li ma setgħux ikunu preżenti għal din il-laqgħa.

32.1.2 Il-membri preżenti approvaw dawn l-ittri ta' apoloġija.

## 32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

32.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 31 li nżammet nhar it-Tlieta 23 ta' April 2024 kienu meħuda bħala moqrija.

32.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi Sindku tas-Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, sekondata mis-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow.

## 32.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Laqgħa mal-Ministru Falzon*

32.3.1 Il-President informa lill-membri preżenti dwar laqgħa li huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Maniġer tal-Kultura, kellhom mal-Ministru Michael Falzon nhar it-Tnejn 6 ta' Mejju 2024 dwar il-proġett 'Art for All' li qed jinżamm għat-tieni sena konsekuttiva.

32.3.2 Is-Sur Chircop spjega kif kienu tlestew il-lezzjonijiet tal-arti u għal din ir-raġuni ser ikun qed tinżamm *showcase* għal dawn l-istudenti nhar il-Ġimgħa 31 ta' Mejju 2024 ġewwa l-Ministeru għall-Politika Soċjali u drittijiet tat-Tfal, il-Belt Valletta.

32.3.3 Is-Sur Chircop żied jgħid kif sfortunatament din il-wirja ma tistax tibqa armata għall-pubblika minħabba li l-post fejn kien sar is-sena l-oħra għadu għaddej bix-xogħolijiet u l-post fejn ha jkun qed jintuża dis-sena jrid jinżamm liberu peress li huwa l-istess post fejn jintuża mill-Ministeru għal meta tinżamm konferenza stampa u okkazzjonijiet oħra.

32.3.4 Is-Sur Chircop spjega kif għal din ir-raġuni qed jiġu esplorati postijiet oħra bħala The Point sabiex din il-wirja tkun qed titgawda mill-pubbliku li jkun qiegħed jiffrekwenta dan l-istabiliment.

32.3.5 *18:00pm – is-Sindku tal-Gżira, Dott Conrad Borg Manche, wasal għal din il-laqgħa u s-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech, skużat ruħha mill-laqgħa minħabba impenji oħra.*

- *Aġġornament fuq il-Kuntratt tal-Ġbir ta' Skart Domestiku*

32.3.6 Il-President informa lill-membri dwar komunikazzjoni li dan ir-Reġjun kien irċieva nhar it-Tlieta 7 ta' Mejju 2024 mingħand id-Direttur Ġenerali, Emil Vassallo, fejn irrefera għall-laqgħa li hu kellu mas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Finanzi fejn ingħataw l-assigurazzjoni li ser ikunu qed jgħaddu l-ħlas għall-VAT fuq il-ġabra skart riċiklabbli residenzjali; VAT fuq il-ġabra addizzjonali skart riċiklabbli kummerċjali; u għall-ispiża tal-ġabra addizzjonali skart riċiklabbli kummerċjali.

32.3.7 Is-Sur Chircop spjega kif is-Sur Vassallo qal li hemm ukoll ftehim li ssir it-talba għall-iffinanzjar tal-ispejjeż għall-2024 wara li tkun approvata t-talba għal addendum ieħor u wara li jingħata rendikont finanzjarju ta' l-ewwel kwart tas-sena 2024.

32.3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għalkemm dan ir-rapport qed jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa, kopja ta' dan ir-rapport ġie mitlub ftit tal-ġranet ilu u diġa ġie mgħoddi lid-Diviżjoni għall-attenzjoni tagħhom.

- *Kuntratt bejn il-PROs u r-Reġjuni*

32.3.9 Il-President informa kif l-AKL kienet għaddiet *draft* ta' dan il-kuntratt u ġie rrakomandat li jittieħed parir mingħand avukat f'isem ir-Reġjuni qabel ma dan jiġi ffirmat. L-AKL talbet parir legali mingħand Michael Kyprianou & Co Advocates. Il-kummenti mingħand Dott Adrian Mallia waslu nhar it-Tlieta 7 ta' Mejju 2024, fejn ir-Reġjun esprima l-qbil fuq il-punti mressqa minn Dott Mallia.

32.3.10 Is-Sur Chircop spjega kif ir-Reġjun qed jistenna l-aħħar verżjoni ta' dan il-kuntratt sabiex dan ikun jistà jiġi ffirmat u l-pagamenti jibdew jiġu proċessati mill-aktar fis possibli.

32.3.11 Aġġornament dwar dan għandu jingħata fil-laqgħa li jmiss.

- *Laqgħa mad-Direttur Ġenerali*

32.3.12 Il-President informa lill-membri dwar din il-laqgħa li nżammet nhar il-Ħamis 9 ta' Mejju 2024 fuq talba mir-Reġjun sabiex tiġi diskussa l-problema pendent dwar il-ġbir ta' l-iskart mill-*condominums* peress li l-Kuntrattur qed jibqa jinsisti mar-Reġjun li dan għandu jiġi kkunsidrat bħala ħlass addizzjonali u kif jekk dan il-ħlas ma jsirx, il-kuntrattur ser ikun qed iwaqqaf il-kollezzjoni minn dawn il-postijiet.

32.3.13 Is-Sur Chircop spjega kif is-Sur Vassallo kien infurmana li waħda mill-kjarifikazzjonijiet li kien hemm fit-*tender* kienet dwar dan il-punt u fejn dan kien ġie indirizzat. Kien hemm qbil li jekk il-kuntrattur jibqa jirrifjuta jgħati dan is-servizz mingħajr ħlas addizzjonali, dan il-każ ikollu jitressaq quddiem arbitraġġ.

32.3.14 Aġġornament dwar dan jingħata fil-laqgħa li jmiss.

- *Regional Cultural Cooperation Programme*

32.3.15 B'referenza għal dan il-fond, il-President irrefera għall-laqgħa virtwali dwar dan li kienet nżammet nhar it-Tlieta 7 ta' Mejju mill-Kunsill ta' l-Arti f'Malta. Dan il-fond għandu allokat l-ammont ta' €120,000, fejn kull Reġjun jistà japplika għal proġett u jibbenifika sa massimu ta' €20,000.

32.3.16 Is-Sur Chircop spjega wkoll kif ir-Reġjun għandu jissottometti t-talba sa' mhux aktar tard minn 11 ta' Ġunju 2024. Ir-riżultat jingħata nhar 25 ta' Lulju 2024. Il-proġett irid jinżamm bejn l-1 t'Awissu 2024 sat-28 ta' Frar 2026.

32.3.17 Is-Sur Chircop spjega kif wieħed mill-proġetti li jistà jiġi mressaq ikun dak tal-vann li qed jiġi ppjanat li jsir l-ewwel darba matul is-sajf li ġej fejn dan ser ikun qed idur il-lokalitajiet u jgħati spettaklu ta' kant, jew comedy jew act.

32.3.18 Is-Sur Chircop esprima kif id-dati ta' l-għeluq ma kienux idejali minħabba it-tibdil fil-Kunsilli Lokali u kif għalkemm dan il-punt ġie imqajjem minn kull Reġjun,il-Kunsill ta' l-Arti f'Malta ma setax jaċċetta li jkun hemm bdil.

32.3.19 Aġġornament dwar dan ser ikun qed jingħata fil-laqgħa li jmiss.

- *EXPO tas-Servizz Pubbliku*

32.3.20 B'referenza għal dan, il-President fakkar lill-membri preżenti kif dan ir-Reġjun ser ikun qed jipparteċipa f'din l-attività.

32.3.21 Is-Sur Chircop spjega kif uħud mill-proġetti tar-Reġjun ser ikun qed jiġu ppreżentati fuq l-istand tad-Diviżjoni għal Gvern Lokali. Żied jgħid ukoll kif fuq l-istand ta' l-MTA ser inkun qed jitpoġġew żewġ VRs sabiex wieħed ikun jistà jesperjenza il-*VR tours* li ġew ippreparati minn dan ir-Reġjun permezz tal-fondi mill-MTA.

## 32.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

32.3.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif għal il-laqgħa ma kien hemm l-ebda mistoqsija ppreżentata lir-Reġjun.

## 32.5 Rapporti

32.5.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, ressaq fuq il-mejda ir-rapport finanzjarju ta' l-ewwel kwart tas-sena 2024. Hu spjega kif dan ir-rapport kien intbagħat minn qabel għall-attenzjoni tal-membri preżenti. Peress li l-accountant, is-Sa Romina Perici Ferrante, ma setatx tkun preżenti għal din il-laqgħa, is-Sur Chircop ta sommarju dwar dan li kien hemm fir-rapport.

32.5.2 Is-Sur Chircop spjega kif il-Kunsill Reġjonali tal-Lvant temm il-perjodu minn Jannar sa Marzu 2024 b'*surplus* ta' €271,229. F'dawn id-dikjarazzjonijiet finanzjarji, l-ammont ta' €494,983 ġie inkluż bħala *Accrued Income* recycling & Glass Collection tariffi u tipping fees dovuti mill-PROs għall-2023 u l-ammont ta' €438,960 ġie inkluż bħala Accrued Income re Extra Collection nhar il-Ħamis dwar Skart Kummerċjali għall-2023. Il-fondi riżervati totali jammontaw għal €489,925. Il-Pożizzjoni tal-Assi Netti fil-31ta' Marzu 2024 hija ta' 73% tal-Allokazzjoni tal-Gvern għall-2024 li tammonta għal €666,666. Il-Kunsill Reġjonali tal-Lvant għandu dispożizzjoni sħiħa kontra d-debituri tal-LES. Il-flus kontanti u ekwivalenti ammontaw għal €752,110.

32.5.3 Inġieb għall-attenzjoni tiegħi wkoll, li d-DLG issa ħallsu lill-Kunsilli Lokali għat-tnaqqis li sarilhom is-sena l-oħra f'Allokazzjoni 3 triq lura f'Lulju 2023 dwar Ġbir tal-Iskart. Dawn l-ammonti, issa jeħtieġ li jiġu mgħoddija mill-Kunsilli Lokali rispettivi lill-Kunsill Reġjonali tal-Lvant peress li f'Diċembru 2023 il-Kunsill Reġjonali tal-Lvant naqqas il-piż tal-cashflow lill-Kunsilli Lokali u nħarġu lilhom ċekkijiet.

32.5.4 Il-membri preżenti approvaw dan ir-rapport b'mod unanimu.

## 32.6 Postijiet Vakanti fir-Reġjun

- *Deputat Reġistratur fit-Tribunal Lokali ta' San Ġwann – Skala 13, FT*

32.6.1 Il-President informa lill-membri kif is-Sa Cardona għadha qed tistenna l-proċess tad-*detailing* jiġi konkluż sabiex tibda l-impjieg tagħha ma' dan ir-Reġjun. Aġġornament dwar dan jingħata fil-laqgħa li jmiss.

- *Clerk/ Kaxxier fit-Tribunal Lokali ta' San Ġwann – Skala 13, FT*

32.6.2 Il-President informa lill-membri hekk kif kien ġie approvat fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun, is-Sur Graig Bonnici ġie infurmat b'din il-pożizzjoni u huwa beda l-impjieg tiegħu nhar it-Tnejn 13 ta' Mejju 2024.

- *Office Cleaner – Scale 18 PT*

32.6.3 Hekk kif kien ġie approvat fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun, is-Camilleri kienet ġiet infurmata b'din il-pożizzjoni u bdiet l-impjieg tagħha nhar it-Tnejn 29 ta' April 2024. Madanakollu l-għada nfurmatna li mhux ser ikun possibli li tibqa f'dan l-impjiet minħabba raġunijiet personali. Għal din ir-raġuni ġiet ikkuntatjata t-tieni persuna, Ms Guadalupe Micallef. Ms Micallef aċċettat dan l-impjieg u bdiet taħdem nhar it-Tnejn 6 ta' Mejju 2024

## 32.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega

- *Korrispondenza*

32.7.1 Il-President informa lill-membri preżenti dwar komunikazzjoni li dan ir-Reġjun kien irċieva nhar it-Tnejn 6 ta' Mejju 2024 mingħand residenta mis-Swieqi rigward iż-żgħażagħ (ta' eta bejn 12 u 17-il sena) li jgħixu fi ħdan ir-Reġjun fejn qed tipproponi sabiex isiru diskussjonijiet dwar avvenimenti li jistgħu jiġu organizzati bl-għan li dawn iż-żgħażagħ ikollhom fejn jiltaqgħu.

32.8.2 Wara diskussjoni qasira dwar din il-proposta bejn il-membri preżenti, kien hemm qbil sabiex din tiġi diskussa wara li jgħaddu l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali mal-kompożizzjoni ġdida.

- *Talba mill-Kunsill Lokali tal-Għargħur*

32.8.3 B'referenza għal din it-talba, il-President spjega kif il-Kunsill mid-Development Planning Funds - Joint Application to carry out resurfacing of Triq Ghaxqet l-Ghajn (pedestrian walkway) in natural stone paving (non slip) and installation of benches and lighting. L-ammont għal dan il-proġett huwa ta' €326,860.00.

32.8.4 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kwotazzjonijiet*

32.8.5 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet miġbura sabiex ikun provdut ftit ikel u xorb għal bibita li ser tkun qed tinżamm il-Belt għall-proġett Art for All.

32.8.6 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoni provduta mingħand Neriku Catering.

32.8.7 Il-President ressaq fuq il-mejda l-kwotazzjonijiet miġbura sabiex jinxtraw *sprout pencils* marbut ma' l-*ischool starter pack project*. L-orħos kwotazzjonijiet miġbura kienu mingħand Sprout World

32.8.8 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoni provduta.

32.8.9 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet miġbura marbuta mal-proġett 'lVANt' li ser ikun qed jinżamm matul ix-xahar ta' Lulju 2024.

32.8.10 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoni provduta mis-Sur Stefan Fenech.

32.8.11 Il-President ressaq fuq il-mejda l-kwotazzjonijiet li kienu miġbura sabiex ikun hemm setup tajjeb għall-laqgħa ġenerali annwali li nżammet nhar is-Sibt 27 t'April 2024 fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand Pink Olive Ltd.

- *ERA Audit*

32.8.12 Nhar it-Tlieta 30 ta' April, dan ir-Reġjun irċieva komunikazzjoni mingħand is-Sa Ruth Grima mill-ERA sabiex tfakkar lil dan ir-Reġjun jieħu ħsieb jissottometti r-rapport annwali u tal-awditjar lill-Awtorità fi żmien erba' (4) xhur kalendarji wara t-tmiem ta' dak il-perjodu kif preskritt fir-Regolament 8 (13a) u 8 (16) ta' S.L. 549.43.

32.8.13 Is-Sur Chircop qal kif f'din il-komunikazzjoni s-Sa Grima infurmatna li r-rapport annwali u tal-awditjar 2023 huma dovuti sat-30 ta' April 2024 u kif ir-rapport annwali għandu jkun konformi ma' Skeda 16 ta' S.L. 549.43.

32.8.14 Is-Sur Chircop spjega kif is-Segretarju Eżekuttiv talbet direzzjoni dwar dan mingħand id-Direttur Ġenerali u fuq il-konferma tiegħu l-uffiċċju bagħat talba sabiex jinġabru kwotazzjonijiet mill-lista ta' kumpaniji ta' awditjar provduta mingħand ERA.

32.8.15 Is-Sa Galea spjegat li s'issa kienet waslet kwotazzjoni waħda li kienet ta' madwar €1,000 u l-uffiċċju ser ikun qed jipproċedi ma' l-orħos kwotazzjoni malli dawn jiġu sottomessi sa nhar l-Erbgħa 15 ta' Mejju 2024. Dan il-proċess ser ikollu jsir minħabba li d-dokument għandu jkun provdut għand l-ERA sa l-aħħar ta' Ġunju 2024.

32.8.16 Il-membri preżenti qablu dwar dan b'mod unanimu.

## 32.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

32.9.1 Il- President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

32.9.2 Is-Sindku tal-l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, sekondata mis-Sindku tal-Pietà, is-Sa Zoya Attard, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 29A u 29B.

32.9.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 32.10 Mozzjonijiet

32.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 32.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

32.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-18:35 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 17 ta' Ġunju 2024, fil-17:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 17 ta' Ġunju, 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Anthony Chircop<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |